# TNISSLET U NISSLET

**Bħall-bieraħ mitt sena ilu — kien il-jum tal-Ħadd — l-Isqof Mons. Karmenu Scicluna kienet festa minn ġewwa, għalkemm minn bierek il-knisja ġdida u kbira tal-Ħamrun, li lura, fost il-ferħ kbir tan-nies ta' l-inħawi, barra kien fadlilha xogħol ieħor xi jsirilha.**



## *Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

Naqraw fil-gurnali ta' dak iż-żmien li għat-tberik ta' dik il-knisja kien hemm preżenti għadd kbir ta' nies u li, meta l Isqof wasal viċin il-knisja, il-poplu qala' ż-żwiemel minn mal-karrozza u ġibidha hu sal bieb tal-knisja. Filgħaxija ma naqsetx il-mixgħela fid-djar b'sinjal ta' festa u m'għandniex xi ngħidu, il-ġiġifogu.

### BENEFATTUR KBIR

Il-knisja tal-Hamrun bdiet tinbena mas-sitt snin qabel. Fit-18 ta' Lulju 1869, l-Isqof Mons. Gejtanu Pace Forno kien bierek l-ewwel ġebla tal-istess knisja, li ġiet dedikata lil San Gejtanu, b'wirja ta' ġieħ lejn dak l-Isqof li kien iġib dak l-isem u kien benefattur mill-aqwa għall-bini tagħha. Għalha kien jagħti somma ġmielha ta' flus kull xahar u ħallas minn butu l-kisi tal-paviment tal-presbiterju bl-irħam u l-kwadru titolari li jżejjen il-kor, li għalih ħallas mitt lira sterlina. Dan il-kwadru, impitter mill-artista Taljan il-magħruf Pietru Gagliardi, juri lil San Gejtanu qed jilqa' fidejh lill-Bambin Gesu' tarbija minn idejn il-Madonna.

L-Isqof Pace Forno ma kienx il-benefattur waħdieni tal-knisja ta' San Gejtanu. Jingħad li l-Gvern offra £300 biex jinbeda l-bini u f'Gunju tal-1870 infetaħ "alboral" għall-ġbir ta' flus għal dak il-għan. Hafna nies u korpi tal-ibliet u tar-rħula għenu wkoll bi flushom.

Naqraw fil-gazzetti taż-żmien li mit-28 ta' Gunju 1870 sat-30 ta' Lulju 1870 inġabru 11,028 skud, li jġibu mal-£1,000 u sal-31 ta' Marzu 1875 is-somma laħqet is-37,118 skud, fuq it-£3,000.

Hadmu u stinkaw ħafna ħalli jiġbru l-flus u jmexxu x-xogħol tal-bini l-membri tal-Kumitat li l-Isqof kien ħatar. Fosthom issemmew l-aktar Dun Pawl Le Brun, Dun Fortunat Valletta, li wara sar Kappillan tal-knisja u n-negozjant Emmanweli Imbroll. Fost in-nisa benefattriċi kien hemm is-Sinjura Karmena Scicluna, kunjata tal-Markiż Scicluna.

### XTAQU KNISJA AKBAR

Il 11 ta' Lulju 1875, kif għedna, kien jum ta' festa kbira għan-nies ta' dawk l-inħawi li kienu ilhom jixtiequ knisja akbar fir-raħal tagħhom, li dak iż-żmien kien magħruf bħala "Raħal San Gużepp", mnejn ħadet l-isem it-triq ewlenija, sabiħa u twila li taqsam il-Hamrun.

Għandkom tkunu tafu li, dak iż-żmien, f'dak ir-raħal kien għad hemm żewġ knejjes biss u dawn kienu żgħar. Dawn kienu dik tas-Samra, li ħadet l-isem mill-ewwel samrani tal-Madonna fix-xbiha ewlenija tagħha, mibnija fis-sena 1630, u dik Tal-Madonna ta' Portu Salvu, imsejħa, dak iż-żmien, ta' San Gużepp minħabba l-post fejn kienet mibnija, jew ta' Antonuccio, jew ta' Tonuzzu, ta' Tunozzu, illum Santunnuzzu, mibnija fl-1745. Il-knisja tad-Duluri fil-Pieta' kienet tagħmel mal-Furjana.

Dawn iż-żewġ knejjes kienu saru żgħar wisq għall-popolazzjoni, li bdiet tikber b'mod tal-għaġeb. Infatti, filwaqt li 25 sena qabel infetħet il-knisja l-ġdida f'dak ir-raħal kien hemm 30 dar jew familja biss, li kienu jgħoddu mal-150 ruħ, fl-1875 il-popolazzjoni laħqet l-eluf.

Nafu biżżgur li fl-1881 il-popolazzjoni laħqet xejn anqas minn 5,000 ruħ. Mat-tkattir tal-popolazzjoni nħasset il-ħtieġa li f'dawk l-inħawi titwaqqaf parroċċa. Għalhekk, Mons. Scicluna qata' partijiet minn Birkirkara, Hal Qormi u l-Furjana u għamel il-parroċċa ġdida ta' San Gejtanu.

Seba' snin wara, dak id-distrett beda jissejjaħ uffiċjalment "il-Hamrun". Illum m'għandniex aktar ir-raħal ta' San Gużepp, imma għandna l-Belt ta' San Gejtanu, li għandha importanza kbira mhux biss minħabba l-kobor tal-popolazzjoni tagħha — fuq 'l 20,000 ruħ; iżda wkoll minħabba l-ħafna knejjes, istituti, skejjel, fabbriki u negozji, għaqdiet u istituzzjonijiet oħra soċjali li hemm go fiha.

### MINN TIFLA SSIR OMM

Fl-1913, l-Isqof Pietru Pace qata' parti min-naħa ta' fuq tal-Hamrun, u minnha sawwar il-parroċċa ta' Santa Venera u minn biċċiet meħudin minn parroċċi oħra. Fl-istess sena ttieħdet biċċa oħra min-naħa t'isfel, ħalli titwaqqaf il-parroċċa tal-Marsa. Fl-1967 l-Arċisqof Gonzi qata' biċċa mill-Hamrun u waqqaf il-parroċċa l-ġdida tal-Kunċizzjoni. B'hekk dik il-knisja li qabel kienet filjali ta' oħra saret matriċi.

Nistħajjilni rajtha titnissel u titwieled tarbija, tikber u tissaħħaħ maż-żmien u fl-aħjar tagħha tagħti wlied oħra lil Malta Kattolika.